

21997D1023(09)

23.10.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 290/33

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 47/97****ta' l-10 Lulju 1997****li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni teknika) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġustsa l-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu.

Billi l-Protokoll 47 tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 7/94 tal-21 ta' Marzu 1994 li jemenda l-Protokoll 47 u ċerti l-Annessi mal-Ftehim taż-ŻEE ⁽¹⁾;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1712/95 tat-13 ta' Lulju 1995 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 1014/90 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' regoli għad-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' xarbit alkoħoliċi ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jidded mal-punt 2 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1014/90) fl-Anness II tal-Ftehim:

“– **395 R 1712:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1712/95 tat-13 ta' Lulju 1995 (ĠU L 163, ta' l-14.7.1995, p. 4).”.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1712/95 fl-ilsien Islandiż u Norveġiż, li huma annessi mal-verżjonijiet lingwistiċi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 1997, basta n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) ta' dan il-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

⁽¹⁾ ĠU L 160, tat-28.12.1995, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 163, tas-7.6.1995, p. 4.